Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 37/2016

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Redeemer Bellizzi

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Redeemer Bellizzi detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 410291M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-4 t'Awissu 2013 ghall-habta tal-4.20am gewwa Triq Selmun, Mellieha, saq il-vettura DRV004 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stiliyana Shtiliyanova.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' sejbien ta' htija, Redeemer Bellizzi, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23,30, 31, 226(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stiliyana Shtiliyanova, u ikkundannatu ghal ghaxar (10) xhur prigunerija

li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Frar, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

1. Tikkonfermaha s-sentenza appellata fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, fejn ma sabitux hati tal-hames imputazzjoni, u fejn ma kkunsidratx lill-appellat bhala ricediv;
2. Tikkonfermaha l-htija, abbazi tal-ammissjoni tal-appellat, ghar-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni; u
3. Tghaddi sabiex tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfront tal-appellat u tipprosegwi sabiex tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi u kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Redeemer Bellizzi huma s-segwenti w cioe':-

A. Apprezzament tal-provi:

Illi fl-ewwel lok, jigi rilevat illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazing tal-provi, u stante illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi l-appellant kellu l-incident stradali peress illi kien jew taht l-influwenza tax-xorb jew inkella kien mahkum mill-ghejja u raqad, meta dan ma

rrizultax mill-provi prodotti quddiema. Illi filfatt, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess, dan ma rrizulta minn imkien. Fi kliem iehor, l-Ewwel Qorti waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet di sua sponte, GHAX HEKK ASSUMIET, mhux ghax hekk irrizulta mill-provi prodotti quddiema. Illi bid-dovut rispett, il-Qorti, specjalment fil-kamp penali, mhux qieghda hemm biex taghmel il-konkluzjonijiet hi, fuq dak li hi stess tassumi, izda tista' biss tasal ghal gudizzju minn dak prodott quddiemha waqt il-gbir tal-provi.

Illi ghalkemm huwa minnu, kif kwotat l-Ewwel Qorti, illi hi tista' jkollha 'certa presumation of facts li johorgu mill-assjem tar-risultanzi ta' dak l-incident' f'dan il-kaz mill-provi minn imkien ma irrizulta illi l-appellant kien fis-sakra jew ghajjien fil-hin tal-incident. Filfatt, jekk wiehed jhezmina bir-reqqa id-deposizzjoni taz-zewg xhieda principal ital-prosekuzzjoni, minn imkien ma jirrizulta, anke bl-aktar mod remot, illi l-parte civile garrbet griehi gravi, tort ta' l-appellant li kien qed isuq. Ghalkemm huwa minnu illi dakinhar tal-imsemmi incident, kif jirrizulta mill-PIRS a fol tnz (12) tal-process, it-triq kienet f' kundizzjoni tajba, kien hemm vizibilita' tajba u t-triq kienet niexfa, ma jfissirx, fin-nuqqas ta' provi ohra, li ma setghax kien hemm elementi ohrajn illi setghu kienu l-kagun ghat-tali incident, fuq kif donnu assumiet l-Ewwel Qorti. In ogni caso, kwalunkwe fatti, iridu jirrizultaw mill-provi prodotti, u dan sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettata mir-raguni. Inoltre, fl-affidavit tieghu PS 914 Ivan Mifsud stqarr illi l-appellant mal-ewwel qal lil Pulizija illi kif kien tiela' ';fuq kien hemm dawl illi ghamieh u ghaldaqstant tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. F' kelma wahda mhux talli ma rrizultax illi l-incident mertu tal-proceduri ma sehhx habba xi nuqqas attriwibbli lil appellant, talli mill-provi jirrizulta x' seta' kkawza l-incident sal-grad tal-probabli. Wiehed ma jridtx jinsa illi l-grad ta' prova spettanti lil appellant, gia imputat, hija sempliciment sal-grad tal-probabli. Fid-deposizzjoni taghha, il-passiggierra Stiliyana Shtiliyanova ddeponiet illi waqt il-barbeque ma kinitx rat lill-appellant jikkonsma xi alcohol. Barra minn hekk, mill-ebda xhieda tal-Pulizija ma rrizulta illi l-appellant sarlu xi tip ta' test biex jaraw jekk kienx ikkonsma xi alcohol, la breathalyzer test u lanqas xi testijiet tad-demm. Di piu', had mill-Pulizija illi xehdu ma qal, li xamm fuq l-appellant xi riha ta' xorb

alkaholiku, jew li deher illi kien that l-effett tal-alkohol mill-mod kif kien qed jagixxi maghhom. Infatti, meta l-Ispettur ddepona fl-Ewwel Qorti huwaa gie mistoqsi x' wassal biex jittiehdu passi kontra l-istess appellant, ghal liema huwa rrisponda billi spjega illi kienet biss peress illi kien hem persuna li soffriet griehi gravi u ghall-ebda raguni ohra.

Illi bir-rispett kollu il-Qorti ma tistax tieqaf hem, u cioe tistabilixxi biss jekk xi had soffriex griehi jew le u b' hekk tghaddi biex issib htija, izda ghandha tmur pass oltre u cioe tistabilixxi b' certezza jekk tali griehi gewx ikkawzati minhabb dak li ghamel jew naqas illi jaghmel il-persuna akkuzata quddiemha.

Ghaldaqstant, mill-assjem tal-provi minn imkien ma jirrizulta illi l-esponent kien fis-sakra jew ghajjien izzejjed, u li l-incident sehh tort tieghu minhabba bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffika, u dan lanqas almenu mill-provi cirkustanzjali imressqa mill-prosekuzzjoni.

F' dan l-istadju ssir referenza ghal xi gurisprudenza. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena kurrenti, 2016 mill-Magistrat Joseph Mifsud fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Vella giet ikkwotata sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer fejn gie ritenut illi,

'li l-grd ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni.'

Aktar minn hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju fis-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader kien hem referenza ghal li kien

intqal fil-kawza Taper vs The Queen minn Lord Normand, liema sentenza giet moghtija fl-elf disa' mija tnejn u hamsin (1952), fejn gie ritenut illi:

'it is also necessary before drawing the inference of the accused' s guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.'

Huwa evidenti fil-kaz tal-appellant illi kien hem cirkustanzi ohrajn illi setghu wasslu ghal imsemmi incident; bhalma stqarr l-appellant mal-Pulizija illi kien dawl fit-triq illi ghamieh u tile fil-kontroll. Ghaldaqstant, bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi illi kellha quddiemha stante' illi mill-evidenza illi kien hem dik l-Onorabbli Qorti kellu jkollha dubju ragjonevoli ta' x' seta' wassal ghal dan l-incident stradali. Fil-fatt f' kaz simili illi involva incident stradali fejn il-parti leza soffriet griehi gravi, pero' f' tali kaz kien irrizulta permezz ta' breathalyzer test illi l-imputat sewwieq kien that l-influwenza tax-xorb, u cioe' f' Il-Pulizija vs Joseph Zammit moghtija nhat it-tletin (30) t' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), il-Qorti illiberat lill-imputat wara li rriteniet:

'illi dawn id-dubji kollha fil-kamp penali certament jimmilitaw favor l-imputat. Il-Qorti ma tista' qatt tasal ghal sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubbju dettat mill-ligi bil-provi li fl-atti. Fil-kamp civili tali provi jistghu ikunu sufficjenti, izda certament mhux fil-kamp penali.

Inoltre, il-passieggiera Stitilyana soffriet griehi gravi ma' l-impatt minhabba ukoll contributory negligence min-naha taghha u dan peress illi ma libsitx ic-cintorin tas-sigurta' u ghaldaqstant hi ma haditx il-prekawzzjonijiet kollha necessarji ghas-sigurta' taghha stess, u dank if irrizulta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni stess; liema fatt jidher illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx.

B. Aggravju fuq il-piena.

In oltre, minabarra l-fatt illi l-appellant ma' l-ewwel qal x' kienet ir-raguni li kkawza l-incident

Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jissotometti illi l-piena inflitta fuqu hija wahda esagerata.

Ghalkemm meta l-akkuzi jkunu griehi gravi ikun hemm procediment kontra l-imputat ex-officio, il-fatt illi l-vittma ma jkollhiex xi interess illi tipprocedi bil-kaz dan ghandu jnaqqas il-penali. F' dan il-kaz, il-passiggiera, illi hija habiba tal-appellant, qatt ma uriet ix-xewqa illi tipprocedi kontra l-appellant, ghaldaqstant bid-dovut rispett, kieku stess kellha tinstab htija stante l-fatt illi l-vittma ma kellhiex xi interess partikolari fil-kaz, il-piena karcerarja ma kellhiex tkun kwazi fil-massimu taghha. Di piu' meta wiehed iqis illi l-massimu ta' piena karcerarja that l-artikolu 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta hija ta' mhux izjed minn sena, ghaxar xhur huma vicini hafna tal-massimu. Ghaldaqstant, kieku stess l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed provi quddiemha biex tasal ghall-konkluzjoni illi minghajr ebda dubju ragjonevoli l-appellant kellhu jinstab hat ital-akkuza migjuba kontra tieghu, din ma kellhiex tkun daqstant esagerata; u dan anki that l-istess artikolu tal-Ligi, ghat-tali griehi gravi tista' tigi inflitta biss multa u mhux piena karcerarja.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi d-decizjoni impunjata hija imsejsa kollha kemm hi fuq supposizzjonijiet u assunzjonijiet billi l-fatti li fuqhom l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti ma jirrizultawx mill-atti. Lanqas setghet l-Ewwel Qorti tigbed xi inferenzi mill-provi migbura billi ma kienx hemm provi cirkostanzjali li setghet tistrieh fuqhom biex issahhah l-motivazzjoni taghha dwar ir-reita fl-appellanti.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :- "*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Illi minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi l-ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni illi l-kawza prossima ta' dan is-sinistru stradali kien il-fatt illi l-appellanti kien taht l-effett tax-xorb u kien ghajjien sabiex b'hekk ma kellux kontroll shih fuq il-vettura. Dina l-affermazzjoni hija prezunta fil-fehma ta'l-ewwel Qorti mill-fatti tal-kaz u l-provi li instemghu minn fejn johrog illi l-appellanti flimkien mal-passiggieri fil-vettura tieghu attendaw ghal *barbeque* fejn sar konsum ta' alkohol. L-appellanti allura isostni illi ma kienx hemm l-icken prova jew indizzju fl-atti li kien jipponta f'din id-direzzjoni u kwindi l-Ewwel Qorti ma setatx tasal ghal din il-konkluzjoni, fil-fehma tieghu, gratwita.

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

Issa mill-atti probatorji jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. L-incident stradali sehh fi Triq Selmun, il-Mellieha fl-04 ta' Awwissu 2013 fil-hinijiet bikrin ta' fil-ghodu (4:20a.m.).
2. L-appellanti kien qed isuq il-vettura u mieghu kien hemm zewg passiggieri, li *ex admissis* kienu ikkonsmaw l-akohol f'dik is-serata waqt *barbeque* li attendew, tant illi lanqas kienu konxji illi sehh l-incident.
3. L-appellanti tilef il-kontroll tal-vettura misjuqa minnu u baqa' diehel f'*crash barrier.*
4. L-appellanti u l-passiggiera Stiliyana Shtiliyanova sofrew griehi gravi fl-incident.
5. Stiliyana Shtiliyanova ma kenitx liebsa cintorin tas-sigurta.
6. L-appellanti jiddikjara mall-pulizija li investigaw dan il-kaz illi tilef il-kontroll tal-vettura tieghu meta ghamieh xi dawl.
7. Skizz dwar l-incident ma giex imhejji.
8. It-triq kienet f'kundizzjoni tajba u il-vizibilita kienet tajba.

Illi stabbiliti dawn il-fatti inkonfutabbli jirrizulta illi l-incident sehh minhabba l-fatt illi l-appellanti ghal xi raguni tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Dan allura imur lil hinn mill-komportament mistenni minn sewwieq prudenti u ghaqli li matul il-hin kollu ta' sewqan ghandu ikollu l-attenzjoni shiha tieghu fuq it-triq u jezercita dik il-prudenza u attenzjoni mistennija fil-ligi. Fil-fatt kull min jezercita nuqqas ta' prudenza tant illi b'konsegwenza ta'l-istess isehh sinsitru stradali ghandu iwiegeb ghal dak l-agir.

Dan ghaliex *"accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.*

… *Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'*.[2]". (sottolinjar tal-Qorti)

L-appellanti ma ighidx illi huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu ghax din skiddjat izda ghaliex kien hemm xi dawl li telliflu l-koncentrazzjoni u l-attenzjoni. Dina l-ispjegazzjoni tohorg biss mill-verzjoni li huwa jaghti lill-ufficjal tal-pulizija li kien qed jinvestiga l-incident *a tempo vergine* u dan billi huwa ma offriex ix-xhieda tieghu fil-Qorti biex jispjega ir-raguni 'il ghala huwa ma kellux kontroll shih tal-vettura kif kien mistenni minnu. Madanakollu, jekk l-appellanti ghandu jigi emmnut f'din id-dikjarazzjoni, dan mhux bizzejjed biex jezimieh mir-responsabbilta ghal dan is-sinistru stradali ghaliex ghalkemm seta' sehh dan il-fattur kontributorju minn terz injot, madanakollu kien mistenni illi huwa ikun responsabbli bizzejjed sabiex jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita l-kollizzjoni, iktar u iktar meta mill-provi jirrizulta illi dak in-nhar il-vizibilita kienet tajba u ma kienx hemm fatturi ohra kontributorji bhal xi zejt jew likwidu iehor fit-triq li kagun ta'l-istess kien impossibbli ghalih li jikkontrolla l-vettura. Alla hares kull min ikun qieghed isuq jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu ghax ikun hemm dawl li jostakolalu il-vizjoni momentanjament. Sewqan prudenti f'cirkostanzi bhal dawn iwassal biex jigi evitat sinistru stradali. Kwindi minn dawn il-fatturi din il-Qorti tista' tasal biex tistabilixxi, bhal kif ghamlet l-Ewwel Qorti qabilha illi l-appellanti ma kellux l-kontroll shih tal-vettura tieghu meta sehh l-incident tant illi tilef il-kontroll u baqa' diehel f'*crash barrier.* Ovvjament billi iz-zewg xhieda li kienu l-passiggieri prezenti mieghu kienu fis-sakra u billi kien sar il-hin gmielu, fil-fatt kien il-hin bikri ta' fil-ghodu, abbinat mal-fatt illi dak in-nhar kif inghad it-triq kienet f'kundizzjoni tajba u l-vizibbilita kienet tajba, huwa indubitat illi r-riflessi tal-appellanti ma kenux tali li jippermettulu ikun kapaci jirrispondi tempestivament ghal kull evenjenza li tinholoq minn terz estranju fit-triq. Fuq kollox *l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija.*[3]"

---

[2] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003
[3] *Ibid*

Illi finalment l-appellanti jilmenta illi l-piena inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva, tenut kont tal-fatt illi l-parti leza stess ma wrietx intenzjoni li tipprocedi fil-konfront tieghu, ghalkemm l-akkuzi huma prosegwibbli *ex officio*, u haffritlu ghall-akkadut. Iqies illi allura l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni dan l-element mitiganti fil-piena erogata u mhux tinfliggi piena qrib hafna lejn il-massimu mahsub fil-ligi ghal dan ir-reat.

Illi it-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment……**

**As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. …. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was**

**excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**
**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[4]"**

Issa l-Ewwel Qorti tat ir-ragunijiet li wassluha sabiex teroga piena ta' prigunerija ta' ghaxar xhur sospizi ghal sentejn, liema piena hija wahda pjenament fil-parametri li tikkontempla il-ligi. Din il-Qorti ghalhekk tqies illi ma ingabitx raguni valida mill-appellanti sabiex twassalha ghal konkluzjoni illi l-piena li giet erogata fil-konfront tieghu kienet kif inghad "wrong in principle or manifestly excessive", tenut kont ukoll tal-fatt illi l-azzjoni penali fil-konfront tieghu kienet prozewgibbli *ex officio* mill-pulizija. Di piu' din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsieb ta'l-Ewwel Qorti meta qieset il-piena li ghandha tigi inflitta f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant ghal motivi kollu hawn fuq migjuba l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005